MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-4 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 55/2007/1

Agnese Farrugia

Vs

Emanuel sive Noel Buttigieg, Dorothy Buttigieg, L-avukat Dr. Philip Mandguca bhaal mandatarju tal-imsiefra Deborah Vella u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2007 Dr. Monica Vella giet awtorizzata tassumi l-atti f'isem l-assenti Deborah Vella minflok il-mandatarju Dr. Philip Manduca, L-avukat Dottor Kevin Mompalao li b'digriet tat-2 ta' Marzu 2007 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Georgia Vella mart Nicholas Vella u b'digriet tal-21 ta' Novembru 2007 l-Avukat Dr. Kevin Mompalao gie nominat kuratur deputat biex jirraprezenta l-eredita' ta' Francesco Buhagiar.

Il-Qorti,

**Immissjoni fil-pussess – Legat ta’ haga ta’ haddiehor – Meta l-wirt ikun ghadu ma giex accettat – Legat rimuneratorju.**

Rat li permezz ta’ dawn il-proceduri l-attrici qeghda titlob li tigi mmessa fil-pussess tal-legat li gie mholli lilha tal-fond numru mitejn u tnejn (202), u tliet bibien ohra bla numru, fi Sqaq ta’ Fuq il-Lunzjata (gia’ Triq tal-Ghajn), Fontana, Ghawdex, bl-art mieghu annessa u sabiex il-Qorti tiffissa data, hin, u lok u tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci. Dan wara li ppremettiet li fil-11 ta’ Ottubru 2005 miet missierha Francesco Buhagiar, u l-wirt tieghu jinsab regolat b’zewg testment li saru wiehed fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani tad-9 ta’ Marzu 2005, u iehor fl-atti tan-nutar Dr. Kristen Dimech tat-28 ta’ Lulju 2005. Ippremettiet ukoll li d-decujus kien, permezz tat-testment li sar fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani, hallilha bi prelegat il-fond fuq imsemmi u filwaqt li qal li kien jaf li sehem mill-fond kien jappartjeni lil martu Carmela Buhagiar, iddikjara li qieghed jaghmel din id-disposizzjoni bi hlas ta’ diversi servigi, kuri u assistenzi li l-legatarja rrendiet lit-testatr, lil martu u lil binhom Anthony Buhagiar.

Permezz ta’ risposta guramentata prezentata fil-31 ta’ Mejju 2007 minn Dr. Kevin Mompalao ghan-nom ta’ l-assenti Georgia Vella (fol. 36), gie eccepit li m’huwiex edott mill-fatti u rrizerva li jipprezenta risposta ulterjuri wara li jikkomunika mal-assenti.

Permezz ta’ risposta guramentata prezentata fl-20 ta’ Gunju 2007 mill-konvenuti Emanuel sive Noel Buttigieg, Dortohy Buttigieg u Deborah Vella (fol. 37) eccepew li:

1. Il-premessi ta’ dan ir-rikors ma jistghux iservu bhala fundament ta’ l-azzjoni li ghamlet l-attrici ghaliex wiehed mill-eredi ta’ Francesco Buhagiar hu Anthony Buhagiar li hu mejjet u ghalhekk il-premessi kellhom jindikaw il-mewt tieghu flimkien mal-persuni li huma l-eredi tieghu.

2. Fit-tieni lok, qabel tissokta l-kawza ghandha tigi pruvata d-denunzja tas-successjoni tal-istess Anthony Buhagiar.

3. Bla pregudizzju, l-fond mertu tal-kawza kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn id-decujus Francesco Buhagiar u martu Carmela Buhagiar. Min-naha tal-eccipjenti ghadhom indecizi jekk ghandhomx jaccettaw l-eredita' ta' Francesco Buhagiar jew jiehdux il-legittima. Min-naha l-ohra huma ma jridux jonoraw il-legat ta' hwejjeg haddiehor imholli minn Francesco Buhagiar fuq in-nofs indiviz tal-fond imsemmi li tieghu huma koproprjetarji bhala eredi ta' Carmela Buhagiar.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-7 ta' Dicembru 2007 mill-avukat Dr. Kevin Mompalao li gie mahtur bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-eredita' ta' Francesco Buhagiar (fol. 62) u li biha eccepixxa li:-

1. Il-kuratur m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza u jirrimetti ruhu ghall-provi migbura.
2. Dwar l-immissjoni fil-pussess tal-legat ta' haddiehor huwa m'huwiex f'posizzjoni sabiex ighid jekk il-legat jistax jigi onorat.
3. Ikun x'ikun l-ezitu, m'ghandux jehel spejjez.

Rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob li tigi mmessa fil-pussess tal-prelegat imholli lilha minn missierha Francesco Buhagiar li miet fil-11 ta' Ottubru 2005 (fol. 5).

2. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti:-

(a) Il-wirt ta' Francesco Buhagiar hu regolat minn zewg testmenti:-

i. 9 ta' Marzu 2005 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani (fol. 19). Fir-raba' artikolu nnomina bhala werrieta tieghu lill-attrici (kwart), Georgia Vella (kwart), Anthony Buhagiar (kwart) u lin-neputijiet tieghu Dorothy, Noel u Deborah ahwa Buttigieg u wlied ta' bintu l-mejta Antoinette li kienet mizzewga lil Emanuel Buttigieg;

ii. 28 ta' Lulju 2005 fl-atti tan-nutar Dr. Kristen Dimech (fol. 23);

(b) Permezz tat-Tieni Artikolu tat-testment tad-9 ta' Marzu 2005, id-decujus halla lill-attrici *"…il-lok ta' djar prezentement uzat bhala r-residenza tat-testatur, fin-numru mitejn u tnejn (202) u tliet bibien ohra bla numru, fi Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata (gia' Triq tal-Ghajn), Fontana, Ghawdex, bl-art kollha mieghu annessa u bl-oggetti mobbli kollha fih kontenuti a limine intus, eskluzi l-kotba tal-bank u dokumenti u titoli ohra li jirraprezentaw flus. It-testatur jiddikjara li huwa jaf li l-immobili oggett ta' dan il-prelegat hawn deskritt ma jappartjenix lilu fl-intier izda kien jappartjeni in parti lill-assi tal-mejta martu, izda huwa xorta wahda jrid u jordna li dan il-prelegat ghandu jigi percepit fl-intier tieghu mill-prelegatarja Agnese Farrugia u dan qed jigi lilha mholli bi tpattija, rikonoxximent, u hlas ta' diversi servigi li l-imsemmija bintu kienet irrendiet lit-testatur u lil martu Carmela u lil binhom Anthony Buhagiar li huwa mentalment inkapacitat, ghal hafna snin u li baqghet u ghadha tirrendi lit-testatur u lill-imsemmi ibnu Anthony Buhagiar sa minn wara l-mewt ta' martu Carmela u bil-kundizzjoni li tibqa' tirrendilhom dawn is-servizzi fil-futur u bil-kundizzjoni ukoll li ma tirrikoverax lit-testatur f'xi isptar jew dar tax-xjuh jekk mhux f'kaz ta' assoluta necessita' ghas-sahha tieghu jew tal-istess ibnu"*.

(c) Francesco u Carmela (mietet fit-13 ta' Awwissu 2001[1]) konjugi Buhagiar kellhom erbat itfal, l-attrici, Georgia Vella u Antonia Vella (mejta u omm Emanuel sive Noel Buttigieg, Dorothy Buttigieg u Deborah Vella) u Anthony Buhagiar li miet fis-27 ta' April 2006.

---

[1] Fol. 77.

(d) Fit-22 ta’ Jannar 2008 il-konvenuti Emanuel sive Noel Buttigieg, Dorothy Buttigieg, u Deborah Vella (fol. 73-74) ipprezentaw nota fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja li biha rrinunzjaw ghall-eredita’ ta’ Francesco Buhagiar u zammew ferm id-dritt ghas-sehem rizervat.
(e) Fit-30 ta’ Jannar 2008 Emanuel sive Noel Buttigieg, Dorothy Buttigieg u Deborah Vella pprezentaw kawza (Dorothy Buttigieg et vs Agnese Farrugia et – Rikors numru 10/2008AE) li biha talbu l-likwidazzjoni u qasma ta’ l-eredita’ ta’ Carmela Buhagiar u l-hlas tas-sehem rizervat fir-rigward Francesco Buhagiar (fol. 78).
(f) Jirrizulta li fit-28 ta’ Frar 2000 Carmela Buhagiar ghamlet testment fl-atti tan-nutar Dr. Enzo Dimech, u nnominat bhala werrieta lill-attrici (nofs), Giorgia Vella (kwart) u lill-konvenuti Dorothy Buttigieg, Emanuel sive Noel Buttigieg, u Deborah Vella fir-rigward tal-kwart l-iehor (fol. 77).
(g) Skond dikjarazzjoni li saret fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2008, l-attrici ghadha ma ddeciditx jekk ghandix taccetta l-eredita’ ta’ missierha Francesco Buhagiar.

3. L-ewwel zewg eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenuti Emanuel sive Noel Buttigieg, Dorothy Buttigieg u Deborah Vella huma nfondati u ser jigu michuda in kwantu:-

(a) Mill-provi ma rrizultax li kien hemm xi accettazzjoni da parti ta’ Anthony Buhagiar, li kien interdett, tal-eredita’ ta’ Francesco Buhagiar;

(b) Il-Qorti m’hijiex tara, ghal finijiet tal-kawza odjerna, x’tista’ tkun ir-rilevanza li jsir il-hlas ta’ taxxa wara l-mewt ta’ Anthony Buhagiar qabel issir din il-kawza li hi ghall-immissjoni ta’ legat.

4. Skond l-Artikolu 726 tal-Kodici Civili (Kap. 16): *“Il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga imhollija legat”*; *“even though such thing is determinate and found to exist in the estate at the time of the death of*

*the testator. Possession vests by law in the heirs (Section 838)*[2]*, and it is for this reason that the legatee must demant it of the heirs. The transfer of possession is effected by means of delivery of the thing”* (Prof. Victor Caruana Galizia, *Notes on Law of Succession*, p. 1047).

5. F’dan l-istadju jkun utli li jigu traccati l-principji rilevanti:-

(a) L-accettazzjoni ta’ legat tista’ tkun espressa jew tacita; *“hija tacita meta l-legatarju jaghmel xi att li bilfors ifisser li hu ried jaccetta l-legat, u li ma kienx ikollu l-jedd li jaghmel jekk mhux bhala legatarju; bhal ma huwa l-att tal-legatarju li jitlob u jircievi hlas ta’ flus akkont tal-legat, li jezigi u jircievi l-imghax fuq il-legat, u jitlob u jottjeni minghand l-amministratur tal-wirt gravat bil-legat prospett tal-bilanc lilu dovut mill-legat”* (**Francesco Caruana et vs Valentina Caruana et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Dicembru 1955 – Vol. XXXIX.ii.775);

(b) L-immissjoni fil-pussess hi mehtiega wkoll fejn il-legatarju hu wiehed mill-werrieta tat-testatur (ara f’dan is-sens **Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer nomine** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Marzu 1946[3]) u fejn il-legat hu deskritt bhala prelegat. Hemm ukoll gurisprudenza li legatarju li ghandu l-pussess bil-kunsens tacitu tal-werrieta, m’ghandux bzonn li jaghmel domanda formali lill-werrieta sabiex ikun hemm pussess legittimu (ara **Vincenza Cassar vs Herbert L.W. Hare** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-19 ta’ Novembru 1923 – Vol. XXV.i.659 u **Salvatore Sciberras vs Antonio Sciberras et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Marzu 1941 – Vol. XXXI.ii.23);

---

[2] Artikolu 838 tal-Kodici Civili (Kap. 16): *“Jekk xi persuna li jidhrilha illi ghandha jedd fuq il-hwejjeg tal-wirt tiehu pussess taghhom, il-werrieta li lilhom jigi bis-sahha tal-ligi ttrasferit il-pussess jinghaddu li gew fil-fatt imnehhijin mill-pussess, u jistghu jezercitaw kull azzjoni li tmiss lill-pussessuri legittimi”.*

[3] Vol. XXXII.ii.264.

(c) Jidher li fil-gurisprudenza lokali[4], il-fehma l-iktar prevalenti hi li mal-mewt tad-decujus il-proprjeta' tal-legat tghaddi favur il-legatarju, mentri l-pussess hu trasferit lill-eredi; *"Ghandha ssir distinzjoni bejn il-pussess ta' legat u l-proprjeta` ta' l-istess legat; ghax il-pussess jghaddi 'per modum continuations' fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-gurnata tal-mewt tieghu, u ghalhekk il-legatarju hu obbligat jitlob il-pussess lill-eredi, mentri l-proprieta`, jew id-"dritt" ghal haga legata, ssir tal-legatarju mill-gurnata ta' l-apertura tas-successjoni bis-sahha unikament tad-dispozizzjoni testamentarja, minghajr in-necessita` ta' ebda att da parti tal-legatarju, u sahansitra ad insaputa tieghu, u kwindi indipendentement mill-immissjoni tieghu fil-pussess tal-legat"* (**Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju 1959 – Vol. XLIII.ii.759). Fil-kawza **Carmela Sammut vs Avukat Dr. Giuseppe Sacco nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Mejju 1955 (Vol. XXXIX.i.473) gie osservat: *"Hu ormai materja ta' jus receptum illi, ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi, mal-mewt tad-decujus, favur il-legatarju, il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi; ghalhekk tehtieg it-talba tal-legatarju ghall-pussess tal-legat (ara sent. Kollez. Vol. XXI p. 492; XXVIII. Pp 537-543; u Vol. XXIX.i.683)"*[5]. Madankollu, fis-sentenza **Joseph Borg vs Emanuele Vella et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Marzu 1995[6], l-insenjament gie kontestat. Il-Qorti qalet li l-Artikolu 721 tal-Kodici Civili[7] jaghti lill-legatarju, minn dakinhar li jmut it-testatur, *"…. jedd……. li jircievi l-haga mhollija lilu bil-legat"* u ghalhekk

---

[4] Rassenja utli nsibuha fil-kawza **Carmela Zerafa et vs Nazzareno Farrugia et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef R. Pace) fis-27 ta' Marzu 2007.

[5] Ara wkoll **Dr Pasquale Mifsud nomine vs Negoziante Giuseppa Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Jannar 1887 (Vol. XI.123). Hekk ukoll fil-kawza rapportata fil-Volum X.473 nghad. *"Nel legato puro, sia anche modale e con clausola penale, ma non condizionale dies legati cedit et venit contemporaneamente ed il legatario non solo acquista il diritto al legato, ma lo puo' anche esercitare esigendone la prestazione alla morte del testatore, coll'azione personale ex testamento, ovvero coll'azione legati, contro l'erede, od altro onerato, e l'erede colla adizione dell'eredita' si obbliga verso il legatario come se fosse fra loro intervenuto un contratto; potrebbe ancora essere dal legatario esercitata l'azione di rivendica della proprieta'"*.

[6] Vol. LXXXIX.ii.337.

[7] *"721(1) Kull legat pur u semplici jaghti lil-legatarju, minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatur, jedd, li jista' jghaddi ghall-werrieta ta' l-istess legatarju, jew ghal dawk li l-jeddijiet taghhhom gejjin minnu, li jircievi l-haga mhollija lilu bil-legat.*
*(2) Il-legat maghmul taht kondizzjoni ma jaghtix lil-legatarju dak il-jedd qabel ma tigri l-kondizzjoni"*.

sa dak l-istadju l-haga *"…ma tkunx ghadha ghddiet defenittivimanet biex tifforma parti mill-patrimonju tieghu"*. In sostenn ta' l-argument, il-Qorti ghamlet riferenza ghall-insenjament tal-gurista Francesco Ricci li ma kienx tal-fehma li l-legatarju jsir proprjetarju hekk kif imut it-testatur; *"e' principio infatti fondamentale che una cosa non puo' entrare a far parte del patrimonio di un individuo, se esso non vi consenta. Puo chichessia rinunciare al diritto che a lui compete di proprieta' su una cosa determinata, e puo' volere che questo diritto vada a far parte del patrimonio altrui; ma cio' solo non basta perche' la cosa abbia senz'altro a ritenersi come definittivamente entrata nel patrimonio di colui al quale si vuole trasferire…."*. Din il-kwistjoni giet rizolta fil-Kodici Taljan vigenti bl-introduzzjoni tal-Artikolu 649[8]. Min-naha l-ohra l-awturi Laurent Leveneur u Sabine Mazeaud-Leveneuer[9] jikkummentaw hekk il-provvediment tal-Kodici Civili Franciz:- *"avant le deces du testateur le legataire n'a aucun droit, meme eventuel. le legs sera donc caduc si le legataire decede avant le disposant.* ***Le droit du legataire ne se fixe qu'au deces du testateur - au moins le droit du legataire pur et simple: c'est a ce jour que le legataire devient proprietarie des biens legues ou creancier de droits quil lui sont transmis****, que que soit le moment de son acceptation o de sa prise de possession; a partir de jour du deces son droit est transmissible a ses heritiers (ar. 1014 c. civ[10])"* (pagna 330). Skond din il-fehma, hu mal-mewt tat-testatur li l-legatarju jsir proprjetarju tal-beni li jkunu thallew lilu b'legat jew kreditur tad-drittijiet trasmessi lilu.

(d) L-immissjoni fil-pussess ghandha tintalab lill-eredi ta' decujus (Francesco Buhagiar). Hu maghruf li *"jekk l-imsejhin ghall-eredita' ma jkunux accettaw l-eredita', it-*

---

[8] *"Il legato si acquista sena bisogno di accettazzione, salvo la facolta' di rinunziare. Quando oggetto del legato e' la proprieta' di una cosa determinate o altro diritto appartenente al testatore, la proprieta' o il diritto si trasmette dal testatore al legatario al momento della morte del testatore. Il legatario pero' deve domandare all'onerato il possesso della cosa legata, anche quando ne e' stato espressamente dispensato dal testatore".*

[9] *Lecons de Droit Civil*, Hames Edizzjoni, Montchrestien (1999).

[10] *"Tout legs pur et simple donnera au légataire, du jour du décès du testateur, un droit à la chose léguée, droit transmissible à ses héritiers ou ayants cause".*

*talba ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat issir kontra l-eredita' rapprezentata minn kuraturi"* (**John Mauro Micallef et vs Maria Zammit** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Mejju 1953 – Vol. XXXVII.ii.701). Fil-kawza **Antonia Grech et vs Carmelo Farrugia et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Ottubru 1960 (Vol. XLIV.ii.655) it-testatur ma kienx innomina eredi. Il-Qorti osservat li anke f'dawn ic-cirkostanzi kellha tintalab l-immissjoni fil-pussess li ghandha *"….. issir kontra din l-eredita' rapprezentata minn kuraturi, li ghamlkemm ma jkollhomx il-pussess materjali konformement ghall-art 763, li jsemmi l-eredi bhala dak li lilu ghandha ssir it-talba, ikollhom pero' il-pussess legittimu"*. Il-fatt li l-pussess materjali m'huwiex ghand il-kuratur, ma jbiddel xejn. Dan in kwantu *"… it-talba tal-pussess ghandha ssir fil-konfront ta' l-eredi jew ta' l-eredita', bhala dawk jew dik li ghandhom il-pussess legittimu; anke jekk ma ghandhomx il-pussess materjali, konformement ghall-art. 763 li jsemmi l-werriet bhala dak li lilu ghandha ssir it-talba"* (**Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 1946 – Vol. XXXII.ii.264).

6. Mill-atti jirrizulta li meta Francesco Buhagiar ghamel it-testment li bih halla lill-attrici legat ta' haga ta' haddiehor, martu Carmela kienet diga' mietet. Dan ifisser li l-komunjoni ta' l-akkwisti ma kinitx ghadha tezisti u s-sehem taghha kien diga' ghadda ghand il-werrieta taghha u cjoe' l-partijiet. M'hemmx qbil bejn il-partjiet jekk il-proprjeta' kenitx tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew le[11]. Pero' li hu cert hu li Francesco u Carmela konjugi Buhagiar kellhom sehem ugwali fil-fond in kwistjoni. Ghalhekk ma jistax jinghad li mal-mewt ta' Francesco Buhagiar, il-proprjeta' tan-nofs li kienet tappartjeni lil martu ghadda ghand l-attrici. Dan in kwantu dak in-nofs ma kienx jappartjeni lit-testatur; *"If, on the other hand, it is*

[11] Fir-risposta guramentata tal-konvenuti ahwa Buttigieg (fol. 37) jinghad li l-proprjeta' tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti filwaqt li fis-seduta tat-8 ta' Frar 2008 l-attrici ddikjarat li l-proprjeta' kienet giet akkwistata b'wirt minghand Celestino Cini (fol. 80). Madankollu skond l-Artikolu 1321 tal-Kodici Civili, il-presunzjoni juris tantum hi li l-proprjeta' tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

*indeterminate (li jkun thalla b'legat), it cannot be acquired before it is determined;* ***and if the thing was not the property of the testator, it is only acquired when the heir, if he so chooses, acquires it from the owner and transfers it to the legatee"*** (ara noti ta' Prof. V. Caruana Galizia a fol. 1046). Ghalhekk l-obbligat ghandu ghazla (l-obbligazzjoni ta' dak li ghandu jinghata lill-legatarju hi mhollija fid-diskrezzjoni ta' l-obbligat, fis-sens jew jakkwista l-proprjeta' minghand it-terz u jghaddiha lill-legatarju jew li jhallas minflok il-valur gust. Dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li per ezempju jista' jkun li t-terz ma jkunx irid jaghti l-kunsens tieghu biex jittrasferixxi l-ogget lill-legatarju jew jista' jippretendi prezz superjuri ghall-valur tas-suq). It-talba tal-attrici hi fis-sens sabiex il-Qorti ***"tordna lill-konvenuti jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess tal-legat lilha mholli tal-fond numru mitejn u tnejn (202), u tliet bibien ohra bla numru, fi Sqaq Ta' Fuq il-Lunzjata (gia Triq tal-Ghajn), Fontana, Ghawdex, bl-art mieghu annessa"*** (fol. 2). Il-kawza fl-ismijiet **Agnes Borg vs Charles Zammit et**[12] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju 2004, kienet ukoll tittratta talba ghall-immissjoni fil-pussess ta' legat li kien in parti legat ta' haga ta' haddiehor. Il-konvenuti kienu qeghdin jallegaw li c-citazzjoni ma kenitx sostenibbli ghaliex f'tali cirkostanzi l-attur kellu jitlob *"… jew l-immissjoni fil-pussess jew il-hlas tal-valur gust tal-parti li kienet ta' haddiehor"* u mhux l-immissjoni fil-pussess tal-fond. Il-Qorti osservat li l-Artikolu 696 tal-Kodici Civili *"… ma jfissirx dak li qed jigi sottomess mill-konvenuti. Mhux mehtieg, anke jekk l-oggett ikun f'idejn terzi barranin, li l-legatarju jitlob fil-kawza jew il-pussess jew il-valur tal-legat, ghax dina hija ghazla imhollija f'idejn il-werrieta, u huma dawn, jekk jigu azzjonisti* (recte, azzjonati) *mil-legatarju ghall-immissjoni fil-pussess, li ghandhom jaghmlu l-ghazla jekk l-oggett ma jkunx gia fil-pussess taghhom. L-ghazla hija mixhuta fuq l-eredi, u mhux mehtieg tigi invokata jew mitlub mil-legatarju"*. Din il-Qorti hi tal-fehma li peress li:-

---

[12] Imhallef Tonio Mallia.

(a) Hemm ghazla favur il-werriet (ghazla li m’hemmx fejn l-oggett ikun fil-patrimonju tal-werriet)[13]; u

(b) L-oggett ma jkunx fil-patrimonju tat-testatur u ghalhekk bil-mewt tieghu ma jghaddix fil-pussess tal-werrieta;

F’tali cirkostanzi Qorti m’ghandix tikkundanna lill-werriet biex b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 726 tal-Kodici Civili jghaddi l-pussess tal-legat (cjoe’ nofs l-immobbli) lill-legatarju u tieqaf hemm, izda ghandha tikkwalifika li dan l-obbligu hu soggett ghad-dritt li minflok ihallas il-valur gust skond l-Artikolu 696 tal-Kodici Civili. Dan ghal skopijiet biss ta’ kjarezza ghaliex kif tajjeb inghad fis-sentenza fuq citata l-ghazla qeghda f’idejn l-obbligat.

7. Inoltre, mill-atti ma tressqux provi sodisfacenti li xi hadd mill-konvenuti accetta l-wirt ta’ Francis Buhagiar. L-attrici qeghda ssostni li din m’hijiex kwistjoni li ghandha tiddecidi fuqha din il-Qorti. Pero’ l-Qorti ma taqbilx ghaliex immissjoni fil-pussess trid issir mill-eredi. Kif tista’ Qorti tikkundanna persuna sabiex jaghti lill-legatarju l-pussess ta’ legat jekk ghadha m’accettatx il-wirt ? Min ghadu ma ddeliberax li jaccetta l-eredita jew li ma jaccettahiex, ma ghandux jigi kundannat jaghti l-pussess tal-haga lill-legatarju in kwantu ma jkunx jista’ jigi kunsidrat bhala werriet iktar u iktar meta wiehed iqies li l-pussess materjali jidher li qieghed f’idejn l-attrici (ara verbal tas-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2007 fol. 55, affidavit ta’ l-avukat Dr. Mario Scerri (fol. 50) u wkoll ittra datata 23 ta’ Frar 2007 a fol. 43). Fejn imbaghad xi hadd ma jaccettax il-wirt, *“is-sehem ta’ din il-persuna, bl-obbligi u l-pizijiet li jkun hemm mieghu, jizdied ma’ dak tal-werrieta…… l-ohra”* (Artikolu 737 tal-Kodici Civili). Fir-rigward tal-konvenuti Emanuel sive Noel Buttigieg, Dorothy Buttigieg u Deborah Vella (neputijiet tad-decujus) dawn irrinunzjaw ghall-eredita’ ta’ Francesco Buhagiar u dwar il-posizzjoni taghhom m’hemmx dubju. Mill-ftit provi li tressqu lanqas jirrizulta li

[13] *“...jista’ jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b’legat sabiex ighaddiha lill-legatarju, jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha”* (Artikolu 696 tal-Kodici Civili).

saru xi atti ta' eredi min-naha tal-konvenuti. Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Sammut vs Grazia Refalo et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1954 (Vol. XXXVIII.ii.551), gie osservat li l-fatt li l-konvenuti kienu gw imharrkin u m'ghamlux protestata dwar tali fatt, jista' jimplika accettazzjoni tacita' tal-eredita'. Pero' l-Qorti pjuttost taqbel mal-fehma li addottat l-istess Qorti[14] fil-kawza **Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003 fejn osservat li *"Biex din id-difiza jew att taghhom kellu jitqies accettazzjoni tacita` "dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita`. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri" ("**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966). Ghall-esposizzjoni aktar ampja fuq din it-tema ara decizjoni flismijiet "**Clementina Farrugia et –vs- Maddalena Farrguia et**", Appell Civili, 30 ta' April 1962".* Ziedet tghid ukoll li *"…jinsab ukoll akkolt illi "nel dubbio, quando si tratta di questioni relative ad una accettazione di eredita`, si deve decidere per la dichiarazione di non essere stata accettata l' eredita`" ("**Teresa Mangion et –vs- Paolo Deguara**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 1884 riportata a Vol X pagna 596)".*

Dwar id-dikjarazzjoni *causa mortis* li saret fil-5 ta' April 2006 fl-atti tan-nutar Dr. Kristen Dimech (fol. 24):-

(a) Ma tressqux provi li l-attrici giet awtorizzata biex tidher ghall-konvenuti minkejja li jinghad li qeghda tidher ukoll f'isimhom;

(b) F'kull kaz, il-fatt li ssir *causa mortis* m'ghandix tigi meqjusa bhala accettazzjoni tacita ta' l-eredita' (Artikolu 33[5] tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti - Kap. 364).

---

[14] Pero' presjeduta mill-Imhallef P. Sciberras

Kien ghalhekk opportun li jintalab in-nomina ta' kuratur; *"il-wirt,* ***sakemm ma jkunx accettat***[15]*, jitqies battal; u fuq talba ta' kull min ikollu interess, il-qorti, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 886, tahtar kuratur, kif jinghad fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili"* (Artikolu 903 tal-Kodici Civili). Fil-kors tal-proceduri nhatar kuratur, fuq talba ta' l-attrici, sabiex jirraprezenta l-eredita' ta' Francesco Buhagiar.

8. Ghal dak li hu s-sehem ta' Francesco Buhagiar minn dan il-fond hu rilevanti li:-

(a) Hemm kawza pendenti fejn uhud mill-konvenuti qeghdin jitolbu l-hlas tas-sehem rizervat (qabel legittima) mill-wirt ta' Francesco Buhagiar. F'tali cirkostanzi, *"l-ewwel haga li ghandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex inkunu nistghu naccertaw jekk id-decujus bid-disposizzjoni ta' dak il-legat eccediex il-parti disponibbli tal-patrimonju; u f' dina l-likwidazzjoni l-legat de quo agitur fl-estensjoni tieghu kollha ghandu jigi kalkulat, il-ghaliex l-istess, bhal speci ta' beni jew korp, jappartjeni lil-legatarji,* ***u fuqu l-legittimarji ma ghandhomx hlief id-dritt li lilhom taghti l-ligi fil-kaz li jigi konstatat li d-decujus, bid-disposizzjonijiet tieghu, ikun ecceda l-parti disponibbli, f' liema ipotesi l-istess jista' jkun soggett ghar-riduzzjoni****"* (ara **Maria Wismayer et –vs- Ruggiero Wismayer et** li diga' saret riferenza ghaliha).

(b) Fit-testment jinghad li l-legat thalla bhala hlas ghal servigi (legat rimuneratorju). Dan ifisser li jkollu jigi stabbilit kemm minnu hu dejn ta' l-eredita' u safejn titqies disposizzjoni testamentarja li jista' jkun hemm lok li titnaqqas jekk qabzet is-sehem illi t-testatur seta' jiddisponi minnu meta jsiru l-kalkoli tas-sehem rizervat. Il-principju hu li *"…legat rimuneratorju hu hlas ta' dejn, u ma jaqghax taht il-komminazzjoni ta' l-artikolu fuq rifereit (Kollez. XXVIII.i.27), ammenokke' ma jirrizultax li t-testatur ma kellux raguni tajba biex ihalli dak il-legat, u li dana kien*

[15] *"….until it is accepted….".*

*intiz f'lok liberalita' u biex jeludi l-ligi, jew jiddefrawda d-drittijiet ta' l-eredi jew tat-terzi (Kollez. XXVII.i.419). Konsegwentemen t, id-dikjarazzjoni li ghamel it-testatur li l-legat hu rimuneratorju, u l-kriterji tieghu fid-determinazzjoni tal-kumpens, mhux insindakabili, u l-Qorti ghandha dejjem il-pater li tara jekk il-legat huwiex sproporzjonat ghas-servigi prestat mil-legatarju (App. Civ. 15.5.1939 in re Giuseppe Pirotta et vs Maria Preca et)"* (**Vincenzo Attard vs Michelina Agius et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru 1952[16]). Dan ifisser li s'issa s-sitwazzjoni hi ncerta.

Bl-emendi ntrodotti bl-Att numru XVIII ta' l-2004, is-sehem rizervat, li hu l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi, *"l-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet"*[17] u dritt ghall-hlas ta' imghaxijiet. Dan il-provvediment japplika peress li Francesco Buhagiar miet fil-11 ta' Ottubru 2005, u dan in forza tad-disposizzjoni tranzitorja 116 tal-Att fuq imsemmi. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li hemm motiv sabiex it-talba ta' l-attrici ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat, tinstema' flimkien mal-kawza fl-ismijiet **Emanuel sive Noel Buttigieg et vs Agnese Farrugia** (Rikors numru 10/2008) pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta. Il-Qorti taghmilha cara li dan ser ifisser li t-twettiq ta' l-obbligu ghalissa ser jibqa' sospiz sakemm jigu kunsidrati l-kwistjonijiet fuq imsemmija u tinghata decizjoni f'dik il-kawza, u f'kull kaz ma jidhirx li l-attrici ser isofri xi pregudizzju in kwantu jirrizulta li ghandha l-pussess materjali tal-fond. Provvediment li ser jinghata sabiex jigu evitati kwistjonijiet bla bzonn. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qal l-awtur Antonio Masi, *Legati*[18] meta kien qieghed jittratta l-immissjoni fil-pussess: *"L'adempimento di tale obbligo non puo' essere differito dall'onerato senza un giustificato motivo. Si e' fatto riferimento, a questo proposito, ad una contestazione insorta sulla validita' della disposizione.* ***<u>Ma puo' venire in considerazione anche una eventuale incidenza del</u>***

[16] Vol. XXXIV.ii.540.
[17] Artikolu 615 tal-Kodici Civili li dahal fis-sehh fl-1 ta' Marzu 2005 permezz ta' l-Avviz Legali 48 ta' 2005.
[18] Zanichelli Editore Bologna, 1979.

***legato sulla quota di riserva*** *e va, infine, richiamata l'attenzione anche sul fatto che altre circostanze possono comportare una dilazione a favore dell'onerato*[19]*"* (pagna 35) (enfazi u sottolinejar tal-Qorti). Fil-kawza fl-ismijiet **Francesco Vassallo La Rosa vs Oreste Vassallo La Rosa et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Gunju 1936 (Vol. XXIX.i.683), it-talba ghall-immissjoni fil-pussess giet michuda in kwantu l-Qorti kkunsidrat, fost'affarijiet ohra, li kienet ghad fadal li jigi stabbilit *"….jekk it-testatrici hallitx legati li jeccedu l-assi disponibbli, jigifieri hallietx aktar milli setghet minghajr hsara ta' dawk li ghandhom jedd ghal-legittima, bhal ma prima facie jidher li ghamlet; ghax hekk huwa hekk, l-attur jista' jkun li ma ghandux dritt jiehu l-legat, jew ma jehdux kollu. B'daqshekk id-drittijiet li ghandu skond it-testment u skond il-ligi ma jigux michuda jew imnaqqsa, u ghalhekk favur tieghu ssir rizerva fid-decizjoni"*. Il-Qorti m'hijiex pero' m'hijiex tal-fehma li ghandha tichad it-talba tal-attrici mehud ukoll in konsiderazzjoni li kemm jista' jkun ghandhom jigu evitati spejjez zejda u proceduri bla bzonn.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha:-

1. Tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti Emanuel sive Noel Buttigieg, Dorothy Buttigieg u Dr. Monica Vella nomine bl-ispejjez kontra taghhom.

2. Ghar-ragunijiet moghtija tissospendi l-ghoti tas-sentenza fuq it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti Emanuel sive Noel Buttigieg, Dorothy Buttigieg u Dr. Monica Vella nomine u fuq il-mertu, u tordna l-konnessjoni ta' din il-kawza mal-kawza **Emanuel sive Noel Buttigieg et vs Agnese Farrugia** (Rikors numru 10/2008AE) u

---

[19] F'dan ir-rigward bhala ezempju jaghmel riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni tat-12 ta' Mejju 1941, n. 1399: *"la cosa legata si trova custodita in una cassetta di sicurezza e non ne e' consentito il prelievo se non previo pagamento della tassa di successione. L'erede non puo' essere condannato alla consegna della cosa prima che sia decors oil termine per il pagamento della tassa"*. Hekk ukoll fil-ktieb *La dichiarazione di successione profile giuridici*, B. Arcidiacono, E. Bergamo, G. Spaziani Testa, u G. Vecchio, 2007, IPSOA gie konfermat li l-immissjoni fil-pussess *"si osserva peraltro, che l'adempimento dell'obbligo non puo' essere differito dall'onerato senza giustificato motivo, si chiama, ad esempio l'eventuale incidenza del legato sulla quota di riserva"* (pagna 157) .

tiddifferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni ghas-seduta tat-13 ta' Mejju 2008 fid-9.30am. Ghalkemm mill-atti jirrizulta li l-konvenuti Emanuel sive Noel Buttigieg, Dorothy Buttigieg u Dr. Monica Vella nomine rrinuzjaw ghall-wirt ta' Francesco Buhagiar, in vista tal-provvedimenti tal-Kodici Civili dwar rinunzja ta' wirt u mehud in konsiderazzjoni li sal-lum ma jirrizultax jekk hadd iehor accettax il-wirt, ikun floku li dawn il-konvenuti jibqghu fil-kawza. Hekk ukoll il-konvenuta Georgia Vella ser tithalla parti fil-kawza peress li sal-lum ghadha ma rrinunzjatx ghall-eredita' ta' missierha u m'hijiex tinghata sentenza fil-mertu.

Spejjez salv dawk fuq imsemmija jibqghu ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------